IX-XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru 7 (Seba') tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 7 t'Ottubru, 2013 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |

**L-Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti u approvazzjoni tagħhom.

2.1 Il-Minuti nqraw u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising

3.1 Telephone Box – Għaddejna dan l-ilment lill-Ispettur tal-Pulizija Said Sarreo u ser jgħaddih lis-superjuri tiegħu.

3.2 Triq iċ-Ċern- Il-Kunsill qabel li teħel camera ma' l-arblu tad-dawl kif titla' fit-triq. Il-camera ser tiġi pprovduta min Transport Malta. Option oħra hija li nkellmu lir-reġjun sabiex ikunu jistgħu jagħmlu camera huma u tkun sorveljata numru ta' sigħat partikolari jew 24 siegħa kuljum. Nistgħu nibdew din is-sistema bi prova għal xahrejn.

Is-Sindku qal li propju nhar is-Sibt li għadda kellna aċċident fejn xarabank tal-Arriva telgħet fis-2am wara n-Notte Bianca fil-Belt Valletta u laqgħtet karozza, li kienet ipparkajata. Fuq dan l-aċċident qiegħdin f'kuntatt ma' Ivan Pierre Vella ta' Trasport Malta u l-Ispettur ta' ħaż-Żabbar.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

Skond it-Traffic Management ta' Trasport Malta għandna option oħra li hija no parking fuq ġenb minnhom. Din l-option tista' tkun ta' inkonvenjent għar-residenti , li wisq probabbli mhux ser jaqblu magħha. Is-Sur Valvo issuġġerixxa wkoll li nikkunsidraw li t-triq tingħalaq wara l-ħinijiet tal-10pm permezz ta' barrier. Filwaqt li kulħadd qabel ma' din l-option pero' tqajmu problemi ta' kif ir-residenti ta' din it-triq ikunu jistgħu jgħaddu minħabba l-barriers. Ġie ssuġġerit li nġibu kwotazzjonijiet ta' kemm jiswew remotes tal-barriers li kull fam ilja tkun tista' tuża. Rigward il-camera li ser titwaħħal irridu nagħmlu signs kbar fil-bidu tat-triq li juru li hemm il-camera in operation. Is-Sindku qal li f'din it-triq kif ġie maqbul fil-laqgħat ta' qabel twaħħlu il-cats eyes u s-sleeping police. Pero' għandna lment mal-Koptasin li l-Cats eyes li waħħlu qiegħdin jinqalgħu. Il-Koptasin għandhom jiġu jirranġawhom u naraw għaliex ma jwaħħlux minn dawk li jidħlu fl-art bħal ma hemm fid-daħla ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

3.3 Bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja is-Sur Attard tkellem fuq il-play area li semma fil-laqgħa ta' qabel, huwa qal li din tajjeb li mmorru fuq il-post sabiex naraw fejn tista' ssir u jekk hemmx bżonn nagħmluha bis-saqaf ukoll sabiex ma jkunx hemm perikli.

Fuq il-bandli l-ġdid u l-ilment tal-laqgħat preċendenti li ma hemmx faċilitajiet sanitarji s-Sindku qal li tkellem mad-Disma biex jara l-possibilta' li jiġi fiss mobile toilet fil-post. Skond stima li ħareġ id-Disma dan il-mobile toilet jiġi jiswina €9 kuljum. Il-Kunsill ra li din hija spiża għolja għalhekk naraw x'alternattivi oħra.

3.4 Tagħlim tat-tfal – Is-Sindku qal li rċevejna talba li t-tagħlim li sar fis-Sajf jibqa' jsir matul ix-Xitwa wkoll. Is-Sur Valvo qal li dan mhux possibbli għaliex diffiċli u tkun trid tiġi estiża għat-tfal ta' kull eta'pero' nerġgħu nagħmluha s-sena d-dieħla u nippubbliċitizzawha aħjar sabiex jiġu aktar tfal.

3.5 Smart City – Is-Sindku qal li l-problema tat-trab għada għaddejja. Għalhekk naraw kif niffissaw laqgħa magħhom sabiex napprofondixxu iktar din it-tema. Infakkruhom biex nibqgħu niltaqgħu kull xahar.

Is-Sindku qal li rigward il-madum li bi ħsiebhom ipoġġu fil-knisja, hemm xi problema fuq it-tqegħid għaliex ma mmaġinawx li ser tkun kbira l-ispiża. Dan is-suġġett ser jitqajjem meta niltaqgħu ma' SmartCity.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni ta' l-infieq ta' Settembru

4.1 Il-pagamenti għax-xahar ta' Settembru ġew approvati unanimament.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Is-Sur Neil Attard qal li għandna problema bl-ispactions tax-xatt li m'hemmx qlib biżżejjed għall-ilma tax-xita speċjalment fejn il-Jo Jo's u fejn il-Milord fejn il-kamra tal-Bubu. Is-Sindku qallu li din ta' l-aħħar niċċekkjawa għaliex suppost kienu irranġawha meta sar il-patching fil-bidu tas-sena u fuq dawk eżistenti hemm bżonn li dawn jiġu mnaddfa sewwa speċjalment minn naħa ta' wara r-railing.

5.2 Railing tal-promenade – Is-Sindku qal li dan ix-xogħol qiegħed isir mill-ħaddiema tal-public works u diġa' bdew qalgħu parti minnu sabiex jirranġawha. Issa ilhom li qalgħuhom xahrejn u għalhekk naraw f'hiex waslu. Is-Sindku spjega li din il-kwistjoni tar-railing hi serja u għandna nagħmlu pressjoni kbira fuq min kien inkarigat minn dan il-proġett (PWD) għax ma tantx jidher li sar skond is-sengħa.

5.3 Is-Sur Attard qal li l-Ground tal-Football issa qiegħed ikun available għat-tfal kull nhar ta' Ħadd filgħodu. Għalhekk meta noħorġu newsletter indaħħluha fiha sabiex kulħadd ikun infurmat.

5.4 Impjant tad-drenaġġ– Is-Sindku qal li fl-impjant bħalissa għaddej restructuring. It-tender tal-kimika biex telimina r-riħa lest u ser jiġi ppubblikat fix-xhur li ġejjin.

Landscaping –Is-Sindku qal li bagħat liċ-ċerman tal-MEPA fejn dan qallu li talbu drawings emendati oħra. S'issa mid-dehra għad m'hemmx PA Number tal-permess avolja ilna sejrin fuq din il-biċċa tax-xogħol aktar minn 3 snin.

5.5 Xogħol fit-toroq – Il-Kunsill qabel li ssir mera f' Dawret ix-Xatt mas-service road qabel titla Triq Carmelo Penza. Kulħadd qabel ma dan.

5.6 Progett Sports Complex – Rigward ir-rampa tal-proġett, liema xogħol kellu jsir aktar minn sena ilu pero' ċediet it-triq u nbidlu l-pjanijiet, għadna nistennew lill-Perit David Vassallo sabiex ikollu l-approval u jħallas lil Kuntrattur li ħadem. Il-Kuntrattur,

għandu kontijiet pendent I li jlaħħqu l-€200,000 u mhux beħsiebu jkompli qabel jitħallas.

5.7 Fence ta' Triq l-Awrat – Dan ix-xogħol qiegħed isir bħalissa.

5.8 Stop sign u żebgħa fi Triq l-Ispnott. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol għalhekk noħorġu l-works order lil Koptasin. Apparti hekk nirranġaw il-MC bay ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja li qiegħda tikkawza inkonvenjent lir-residenti li joqgħodu hemm.

5.9 Is-Sur Neil Attard qal li rigward il-possibilta li jsir pitch tal-Boċċi fejn il-ground tal-football huwa għadu qiegħed jiċċekkja fuqha sabiex jara x'tinvolvi.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Korrispondenza

6.1 Is-Sindku qal li għandna stedina limitata mill-Kunsill ta' Colletorto sabiex nattendu bħala mistiednin speċjali għal proġett tal-Comune ta' Colletorto li ser ilaqqa numru ta'Kunsilli u mistednin oħra sabiex nassistu għall-firma uffiċċjali bejn Colletorto u Pelplin, belt fil-Polonja fuq programm ta' Colletorto "Lets Celebrate".

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Il-Kunsill qabel sabiex nibdew naħdmu fuq zewġ attivitajiet għal żmien il-Milied bit-tema ta' Kanta Fest li ssir fis-sala tal-Knisja u Exhibition tal-Presepju u sabiex inħajjru l-għaqdiet li għandna fix-Xgħajra sabiex jieħdu sehem.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Kien hemm qbil li nibdew il-proċess biex naqalgħu is-slielen tax-xatt kollu meta jkun possibbli u baħar kalm.

8.2 Is-Sinjura Buttiġieġ ilmentat li fi Triq Karmelo Ritchie hemm ħafna ħmieġ fuq il-ħajt tas-sejjiegħ u apparti hekk hemm siġar fuq l-istessħajt li qiegħdin ixebilku għat triq u taħthom qed iżomm ħafna ħmieġ. Apparti hekk il-ħitan tas-sejjiegħ qiegħdin jaqgħu.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Għalhekk ingħatat l-ordni li jsir it-tindif neċessarju u- l-manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ.
Is-Sinjura Buttiġieġ ilmentat ukoll li madwar il-BIS qiegħed jinżamm ħafna skart u għalhekk inkellmu lil Green Pak sabiex jieħdu ħsieb inaddfu l-BIS kollha.

8.3 Is-Sur Attard qal li fi Triq l-ispnott hemm skips eżatt fejn il-bus stop u tajjeb li jiċċaqalqu aktar l-isfel. Qabel jiċċaqalqu trid issir platform bil-konkos. Waqt li kulħadd qabel u li dan ix-xogħol ser isir fil-ġimgħat li ġejjin saret osservazzjoni sabiex dawn l-iskips ma' jitpoġġewx eżatt quddiem xi residenzi.
Is-Sur Attard issuġġerixxa li nerġgħu inkellmu lil tal-velenu tal-ġrieden u nitfgħu ftit fi Triq Wied Glavan.

8.4 Is-Sur Attard tkellem ukoll fuq il-plot vojt li hemm fi Triq Wied Glavan u qal li din għandna bżonn li jittella' ċint. Is-Sindku qallu li dan kellu jsir mis-sid stess għaliex kellna kuntatt miegħu u konfermalna huwa stess. Is-Segretarju Eżukuttiv għandu jagħmel kuntatt ma' sid l-art.

8.5 Is-Sur Attard tkellem fuq il-possibilta' li ssir bankina fi Triq l-spnott. Is-Sindku qallu li l-kunsill m'għandux finanzi għaliha għaliex tiswa madwar 14,000 u għalhekk nitkellmu mal-Ministeru sabiex tiddaħħal fil-programm tax-xogħol tal-Ġvern.

8.6 Xogħol tal-Ħaddiema tal-IPSL. Is-Sur Attard issuġġerixxa li nitkellmu mal-ħaddiema kollha f'laqgha u ngħidulhom li m'ahniex sodisfatti bix-xogħol kif inhu bħalissa. Għalhekk Neil ser jieħu ħsieb biex jibda jagħmillhom programm ta' xogħol u jara li dan isir fit-*time frames* li jingħataw. Is-Sindu qal li jkun hemm bżonn li min ser jagħtihom programm ta' xogħol jibda jieħu ħsieb li jara li dan ix-xogħol isir.

8.7 Il-Kunsill qabel li tinħareġ default notice lil Kuntrattur tal-Knis għaliex ix-xogħol bħalissa mhux sodisfaċenti. Il-Kuntratt jgħid li aħna rridu x-Xgħajra nadifa u dan mhux qiegħed isir.

8.8 Problema ta' ġrieden ukoll fi Sqaq San Lawrenz, fejn il-bandli u Triq Alof De Wignacourt.

IX-XGĦAJRA

8.9 Hemm talba miż-żgħażagħ sabiex nagħmlu proġett ta' fejn ikunu jistgħu jimirhu. Il-Kunsill ser ifittex artijiet lejn l-impjant tad-drenaġġ.

8.10 Reġgħet issemmiet li għandna jkollna Newsletter u sabiex nieħdu ħsieb li din issir.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2013 fid-9.00am

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt